

Brussell, 30 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11149/23

ECOFIN 674
UEM 208
SOC 500
EMPL 351
COMPET 695
ENV 774
EDUC 287
RECH 319
ENER 410
JAI 920
GENDER 150
ANTIDISCRIM 144
JEUN 188
SAN 425

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9845/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 619 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tan-Netherlands u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tan-Netherlands

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 619 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-2023 tan-Netherlands u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tan-Netherlands**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentrati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat lin-Netherlands bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun friskju li jiġi affettwat mill-iżbilanċi, u li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2023 tan-Netherlands. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq d-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex titwettaq it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni oħra bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investiment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.

- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

⁵ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

- (7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Hija għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023–2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettata u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdeu bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investiment. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fit-8 ta' Lulju 2022, in-Netherlands ippreżentaw il-pjan nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fl-4 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands⁶. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li n-Netherlands ikunu laħqu b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggħet lura.

⁶ ST 12275/22 INIT; ST 12275/22 ADD 1.

- (10) Fit-28 ta' April 2023 in-Netherlands ippreżentaw il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tagħhom u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tan-Netherlands dwar il-progress li sar fil-ksib tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.
- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għan-Netherlands. Hija vvalutat il-progress tan-Netherlands fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u ħadet kont tal-implimentazzjoni tan-Netherlands tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Huwa vvaluta wkoll il-progress tan-Netherlands fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-ksib tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

- (12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għan-Netherlands u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li n-Netherlands qed jesperjenzaw żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet li huma relatati ma' dejn privat għoli u surplus kbir fil-kont kurrenti, li għandhom rilevanza transfruntiera, għadhom jipersistu minkejja xi sinjali ta' tnaqqis. Is-surplus fil-kont kurrenti, minkejja r-reviżjonijiet reċenti tad-data, u d-dejn privat huma kbar skont l-istandards internazzjonali kif ukoll oġġla mill-elementi fundamentali tal-ekonomija. Is-surplus kbir fil-kont kurrenti naqas fl-2022, xprunat mid-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-kummerċ, bil-kont kurrenti jiżdied bi prezzijiet kostanti, u b'defiċit tal-introjtu primarju li qed jikber. Bit-titjib fit-termini tal-kummerċ, hu mistenni li s-surplus jirpilja b'mod sinifikanti fl-2023 u jstabilizza ruħu fl-2024. Sar progress limitat fil-politika iżda hemm bżonn li jsir aktar biex jitnaqqsu l-ostakli għall-investiment. Id-dejn tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u tal-unitajiet domestiċi għadu għoli: dan tal-aħħar huwa aktar ta' tħassib peress li jagħmel lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli għax-xokkijiet, u dawn ir-riskji huma aggravati mis-sopravalutazzjoni għolja u li qed tiżdied tal-prezzijiet tad-djar. Għall-ġejjieni, hu mistenni li d-dejn ikompli jonqos b'mod moderat. Minkejja t-tnaqqis moderat fil-prezzijiet tad-djar, għad hemm pressjoni fuq is-suq tad-djar, speċjalment peress li l-kostruzzjoni ta' djar ġodda għadha ferm taħt il-miri tal-gvern. Fl-istess ħin, is-sjieda tad-djar iffinanzjata mid-dejn għadha ssussidjata minn tassazzjoni favorevoli, filwaqt li l-politiki dwar is-suq tal-kiri privat jirriskjaw li jimminaw l-iżvilupp tiegħu.
- (13) Skont data vvalidata mill-Eurostat, il-bilanċ tal-baġit tal-gvern estiż tan-Netherlands naqas minn defiċit ta' 2.4 % tal-PDG fl-2021 għal baġit ibbilanċjat fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 52.5 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 51.0 % fi tmiem l-2022.

- (14) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, tali miżuri ta' politika fiskali li jnaqqsu d-dħul kienu jinkludu t-tnaqqis tal-VAT fuq l-enerġija u tad-dazju tas-sisa fuq il-petrol u d-diżil, filwaqt li tali miżuri tal-politika fiskali li jżidu n-nefqa kienu jinkludu kumpens għall-kontijiet tal-enerġija f'Novembru u Diċembru u appoġġ għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx b'kontijiet għoljin tal-enerġija. Il-kost ta' dawk il-miżuri kien parzjalment ikkumpensat minn taxxi ġodda fuq profitti mhux mistennija tal-produtturi u l-fornituri tal-enerġija, jiġifieri kontribuzzjoni ta' solidarjetà fl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854⁷ b'rata ta' 33 %. Il-Kummissjoni tistma li l-kost baġitarju nett ta' dawk il-miżuri kien ta' 0.6 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat ukoll mill-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li huwa stmat għal 0.1 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 0.3 % tal-PDG fl-2022, minn 1.8 % fl-2021.
- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 in-Netherlands⁸ isegwu pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls li tipprovdi l-Faċilità, u li jippreservaw l-investiment ifffinanzjat fil-livell nazzjonali.

⁷ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija (ĠU L 261 I, 7.10.2022, p. 1).

⁸ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tan-Netherlands tal-2021 (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 88).

- (16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali⁹ fl-2022 kien ta' appoġġ, fil-livell ta' -0.5 % tal-PDG, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Kif irrakkomanda l-Kunsill, in-Netherlands komplew jappoġġaw l-irkupru b'investimenti ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 0.2 % tal-PDG fl-2022 (0.2 % tal-PDG fl-2021). Investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprova kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.1 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali¹⁰. Għalhekk in-Netherlands ma żammewx l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali, kif irrakkomandat mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprova kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.4 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Għalhekk in-Netherlands żammew suffiċjentement taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.
- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 huwa konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għall-2023 u minn hemm 'il quddiem. Il-gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'1.6 % fl-2023 u b'1.4 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali f'it aktar għoli ta' 1.8 % fl-2023 u tkabbir f'it aktar baxx ta' 1.2 % fl-2024. Dan huwa prinċipalment dovut għal differenzi żgħar fil-prospettiva tad-domanda domestika fis-sentejn li huma.

⁹ Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

¹⁰ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali iprovdiet kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.2 punt perċentwali tal-PDG.

(18) Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2023, il-gvern jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż ser jonqos għal 3.0 % tal-PDG fl-2023. Iż-żieda fl-2023 tirrifletti prinċipalment il-kost tal-pakkett tal-enerġija, iż-żieda fin-nefqa fuq l-imgħax, pjanijiet ta' nfiq addizzjonali relatati mal-isfidi tas-soċjetà, bħat-tranżizzjoni ekoloġika, l-edukazzjoni u l-provvista tal-akkomodazzjoni. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 49.3 % tal-PDG fi tmiem l-2022 għal 48.4 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 2.1 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa aktar baxx mid-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, prinċipalment minħabba l-fatt li d-data dwar l-eżitu tal-bilanċ tal-gvern għall-2022 irriżultat aħjar milli preżunt fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2013. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon ogħla ta' dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 49.3 % fl-aħħar tal-2023. Id-differenza hija dovuta għall-fatt li d-data tal-eżitu għall-2022 irriżultat ogħla minn dik preżunta fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, bħala riżultat ta' aġġustament għoli bejn il-fondi u l-flussi fl-2022.

(19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022, b'mod partikolari, it-tnaqqis tad-dazju tas-sisa fuq il-petrol u d-diżil u l-appoġġ tal-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, kif ukoll miżuri ġodda bħal limitu massimu fuq il-prezz tal-elettriku u l-gass u l-iskema ta' appoġġ għall-SMEs li jużaw ħafna enerġija. Il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa pprojetat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 1.1 % tal-PDG fl-2023¹¹. Jidher li bosta mill-miżuri fl-2023 mhumiex immirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, u ma jippreservawx is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija. B'risultat ta' dan, l-ammont ta' miżuri ta' appoġġ immirati, li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022¹², huwa stmat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.5 % tal-PDG fl-2023 (meta mqabbel maż-0.1 % tal-PDG fl-2022). Il-kost baġitarju tal-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna huwa pprojetat li jibqa' stabbli meta mqabbel mal-2022.

¹¹ Dik iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll, fejn rilevanti, il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹² Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tan-Netherlands u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tan-Netherlands tal-2022 (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 154).

(20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li n-Netherlands jieħdu azzjoni biex jiżguraw li fl-2023 it-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni politika newtrali b'mod kumplessiv¹³, filwaqt li jitqies l-appoġġ temporanju u mmirat kontinwu għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna. Jenħtieġ li n-Netherlands ikunu lesti li jaġġustaw l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Saret ukoll rakkomandazzjoni biex in-Netherlands jespandu l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija u jqisu l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi jagħmlu użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

¹³ Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-output fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) tan-Netherlands, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, huwa stmat għal 7.9 % f'termini nominali.

(21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun espansjonarja (- 1.1 % tal-PDG), f'kuntast ta' inflazzjoni għolja. Dan isegwi pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2022 (-0.5 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) fl-2023 huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.9 % tal-PDG għall-pożizzjoni fiskali. Dan jinkludi ż-żieda fil-kost tal-miżuri ta' appoġġ immirati lejn l-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija b'0.4 % tal-PDG. Għalhekk, il-kontribuzzjoni espansjonarja tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija dovuta parzjalment biss għall-appoġġ immirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. It-tkabbir espansjonarju fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fl-livell nazzjonali (nett minn miżuri diskrezzjonarji ta' dħul) huwa xprunat ukoll minn miżuri tal-enerġija mhux immirati, żidiet permanenti fil-pagi tas-settur pubbliku u benefiċċji soċjali u nfiq ogħla fuq il-kura tas-saħħa. Fil-qosor, it-tkabbir ipprojettat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali mhux konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni kienet tammonta għal 0.2 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprovda kontribuzzjoni newtrali għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.0 punti perċentwali. Għalhekk, in-Netherlands qed jippjanaw li jiffinanzjaw investment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u huma pprojetjati li jippreservaw l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali¹⁴. Qed jippjanaw li jiffinanzjaw l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, bħall-investment u l-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, l-inċentivar tal-użu tal-idroġenu u t-titjib tal-litteriżmu diġitali tal-istudenti, li huma parzjalment iffinanzjati mill-Faċilità u fondi oħra tal-UE.

¹⁴ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija pprojetjata li tipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' -0.2 punti perċentwali tal-PDG.

- (22) Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 2.6 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment it-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' emerġenza. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied għal 48.7 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 1.7 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa aktar baxx mid-defiċit ipprojetat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, l-aktar bis-saħħa tal-effett bażi mill-proporzjon tad-defiċit mal-PDG aktar baxx ipprojetat fl-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon simili ta' dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 48.8 % fl-aħħar tal-2024.
- (23) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali tal-miżuri kollha ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Il-Kummissjoni tassumi wkoll it-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Dan huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija.

- (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment¹⁵. Meta jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet tas-sostenibbiltà fiskali, titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.3 % tal-PDG għall-2024 ikun f'loku, skont il-Kummissjoni. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali¹⁶ fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx l-3.5 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 1.1 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu li dan isir u l-ewwel għandhom ikunu l-miżuri l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir fin-nefqa primarja netta aktar baxx minn dak irrakkomandat għall-2024. Minkejja dan, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa netta kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2023 mhuwiex f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. Jekk dan jiġi kkonfermat, ikun xieraq li jkun hemm inqas tkabbir fin-nefqa primarja netta fl-2024.
- (25) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata fl-livell nazzjonali tikber b'1.7 % fl-2024, li hija taħt ir-rata ta' tkabbir rakkomandata. L-aġġustament ipprojettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa konformi mal-iffrankar mit-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija.

¹⁵ L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

¹⁶ In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-infiq fuq l-imgħax kif ukoll l-infiq ċikliku fuq il-qgħad.

- (26) Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, l-investiment tal-gvern huwa mistenni li jiżdied minn 3.4 % tal-PDG fl-2023 għal 3.5 % tal-PDG fl-2024. L-investiment oġġla jirrifletti investiment oġġla ffinanzjat fil-livell nazzjonali u mill-Unjoni, jiġifieri permezz tal-Faċilità. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jirreferi għal riformi u investimenti li huma mistennija jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Dawk ir-riformi u l-investimenti jinkludu riformi u investimenti fil-qasam tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, is-suq tax-xoġhol u t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, li huma wkoll parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
- (27) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2027. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż mistenni jiżdied għal 2.8 % sal-2026 u għal 3.2 % tal-PDG fl-2027. Għalhekk, huwa ppjanat li d-defiċit tal-gvern estiż jibqa' taħt it-3 % tal-PDG sal-2026 u jiżdied biex jaqbeż it-3 % tal-PDG fl-2027. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 48.7 % fi tmiem l-2024 għal 52.7 % sa tmiem l-2027.

(28) Il-prezzijiet tad-djar li għolew b'rata mgħaġġla f'dawn l-aħħar snin irriżultaw f'suq tad-djar sopravvalutat. Madankollu, b'kundizzjonijiet finanzjarji aktar stretti, is-suq tad-djar laħaq punt ta' bidla f'nofs l-2022 hekk kif il-prezzijiet tad-djar bdew jonqsu b'reazzjoni għaż-żieda fir-rati tal-imgħax fuq l-ipoteki. Id-dejn ipotekarju relattiv għall-PDG għadu għoli fin-Netherlands, skont l-istandards internazzjonali. Dan huwa xprunat minn limiti ta' self relattivament għoljin (self għall-valur) u minn ħelsien sostanzjali mit-taxxa fuq il-pagamenti ipotekarji. Għalkemm it-tnaqqis tat-taxxa fuq l-imgħax ipotekarju qed jitnaqqas gradwalment, dan għadu għoli. Id-dejn għoli tal-unitajiet domestiċi li jirriżulta jagħmel lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli għax-xokkijiet ekonomiċi, li huwa speċjalment rilevanti issa li żdiedu r-riskji ta' korrezzjonijiet fil-prezzijiet tad-djar. Fl-istess ħin, is-suq tal-kiri privat huwa relattivament żgħir, u jirriżulta f'alternattivi affordabbli u disponibbli limitati għax-xiri ta' dar. In-nuqqas ta' akkomodazzjoni għall-kiri affordabbli jdghajjed ukoll il-mobilità tal-forza tax-xogħol. It-tneħħija tal-ostakli li bħalissa qed iżommu lura l-investimenti, inkluż fil-konstruzzjoni residenzjali, tista' tippermetti li l-gvern jirnexxielu jwettaq il-pjanijiet tiegħu għal żieda fil-provvista tad-djar u għalhekk tista' tikkontribwixxi għal riekwilibriju estern kif ukoll għal funzjonament aħjar tas-suq tad-djar.

- (29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. Filwaqt li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tan-Netherlands ġie adottat biss fl-2022, l-implimentazzjoni tiegħu issa tinsab għaddejja. Il-proċediment rapidu bin-negozjar tal-ftehim operazzjonali ser jgħin fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u huwa meħtieġ għal meta tiġi ppreżentata tal-ewwel talba għal pagament, li hija mistennija sa tmiem l-2023. L-implimentazzjoni għadha għaddejja, f'dan l-istadju, ir-riskji ta' nuqqas ta' assorbiment jidhru limitati minħabba l-allokkazzjoni finanzjarja relattivament żgħira. It-tnejjijiet ta' kapitolu tar-REPowerEU jinsabu għaddejjin. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġġettivi strateġiċi tan-Netherlands fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involvement sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.
- (30) Fl-2022 il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tan-Netherlands. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni f'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tizzied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali, u jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat fin-Netherlands.
- (31) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u mill-programmi ta' politika ta' koeżjoni, in-Netherlands qed jiffaċċaw għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u d-depożiti eċċessivi tan-nitroġenu.

(32) Is-sehem tal-impjieg flessibbli (kemm ħaddiema b'kuntratti flessibbli kif ukoll temporanji u dawk li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati) fis-suq tax-xogħol għadu għoli fin-Netherlands. Dan jindika riskju dejjem akbar ta' segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, b'effetti partikolarment distorsivi fil-marġini tas-suq tax-xogħol. Dan jista' jimplifika l-inugwaljanza fl-opportunitajiet u jkun problematiku għall-produttività. Ċertu ammont ta' flessibilità fis-suq tax-xogħol jista' jikkontribwixxi għall-adattabilità tal-ekonomija u jista' wkoll jakkomoda aħjar il-preferenzi individwali. Madankollu, l-użu eċċessiv ta' tipi flessibbli ta' impjegi jista' jkollu effetti negattivi għall-ħaddiema u għall-ekonomija usa'. Pereżempju, il-parteċipazzjoni fit-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja hija sfida għal dawk b'arranġamenti flessibbli ta' impjieg b'kuntratt, u dan min-naħa tiegħu jnaqqas l-investment fil-ħiliet. F'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali, il-Gvern Olandiż biħsiebu jindirizza d-differenzi bejn l-arranġamenti tax-xogħol permanenti u dak flessibbli. Il-pjanijiet jinkludu t-tneħħija ta' kuntratti ta' zero sigħat u s-sostituzzjoni ta' kuntratti "on-call" fil-forma preżenti tagħhom b'tip ġdid ta' kuntratt li jipprovdi aktar sigurtà tal-introjtu għall-ħaddiema, u titjib fis-sigurtà tal-impjieg tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija. Il-progress rapidu fl-implimentazzjoni ta' dawk il-pjanijiet ser ikun importanti biex jiġi żgurat li l-għażla ta' ċertu tip ta' kuntratt ta' impjieg tkun xprunata minn ħtiġijiet speċifiċi għall-impjieg jew mill-preferenzi tal-persuni li jkollhom impjieg, filwaqt li tittiejeb ukoll il-pożizzjoni soċjali u tal-impjieg tal-persuni f'impjieg flessibbli u titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol.

(33) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet diġà kienu karatteristika tas-suq tax-xogħol Olandiż qabel il-pandemija tal-COVID-19, iżda nfirxu aktar fis-setturi kollha minn dak iż-żmien 'l hawn. Setturi bħat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-impjiegi tekniċi qed jiffaċċjaw nuqqasijiet strutturali, li diġà kienu jeżistu qabel il-pandemija tal-COVID-19 u hu mistenni li jippersistu, sa ċertu punt minħabba l-iżviluppi demografiċi. Minkejja rata ta' parteċipazzjoni ġenerali għolja, in-Netherlands għad għandhom riżerva ta' ħaddiema potenzjali mhux sfruttati u mhux utilizzati biżżejjed, bħal persuni ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni u dawk li jaħdmu f'impjieg part-time. Ladarba jkunu f'impjieg part-time, ftit impjegati jagħżlu li jżidu s-sigħat tax-xogħol tagħhom. Dan jista' jiġi parzjalment spjegat mir-rati tat-taxxa marġinali għoljin, l-obbligi (jew l-antiċipazzjoni ta' obbligi futuri) relatati mal-kura informali tat-tfal jew ta' membri oħra tal-familja u/jew il-kwalità tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Biex jiġu indirizzati l-iskarsezzi ta' ħaddiema u ħiliet ser ikun hemm bżonn li jittieħed approċċ komprensiv, filwaqt li jiġu indirizzati wkoll il-ħtiġijiet u l-ostakli speċifiċi għas-settur u l-investimenti li jsaħħu l-produttività. F'dan ir-rigward, tista' tiġi kkunsidrata taħlita ta' politiki, li jistgħu jinkludu: (i) it-tnaqqis ulterjuri tar-rata tat-taxxa marġinali u/jew it-titjib tat-trasparenza tar-rata tat-taxxa marġinali li jiffaċċjaw l-individwi; (ii) żieda fil-pagi f'setturi b'nuqqasijiet strutturali, b'mod partikolari dawk b'konċentrazzjoni ta' impjegaturi pubbliċi u semipubbliċi; (iii) il-promozzjoni tal-kwalità tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; (iv) it-titjib tal-gwida vokazzjonali; u (v) it-titjib tal-aċċess għal indukrar tat-tfal ta' kwalità għolja u affordabbli. Barra minn hekk, it-tiżiħ tal-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet jew ta' taħriġ mill-ġdid permezz ta' miżuri mmirati u mfassla apposta, b'mod partikolari għal dawk fil-marġini tas-suq tax-xogħol u l-persuni inattivi, jista' jgħin biex itaffi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet u jtejjeb l-eżiti soċjali.

(34) Għalkemm in-Netherlands introduċew miżuri biex inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq il-fjuwils fossili Russi, iż-żejt u l-gass naturali ammontaw għal 38 % u 41 % rispettivament tat-taħlita tal-enerġija tagħhom, u b'hekk l-ekonomija Olandiża saret vulnerabbli għall-iżviluppi fil-prezzijiet globali. Hemm bżonn li jsiru aktar sforzi biex in-Netherlands jilhqg l-miri tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni għall-2030. Minkejja li l-ambizzjonijiet għall-installazzjoni ta' kapaċità addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli żdiedu, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija kien jammonta għal 13.0 % biss fl-2021, li huwa taħt il-mira miftehma politikament fil-livell tal-Unjoni u l-medja tal-Unjoni ta' 21.8 %. B'riżultat ta' dan, in-Netherlands għadhom fost l-Istati Membri bl-aġar prestazzjoni f'termini ta' sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija, u għandhom waħda mill-akbar diskrepanzi bejn is-sehem tal-2021 u l-miri tal-2030. L-espansjoni tal-grilja tal-elettriku, kemm għat-trażmissjoni kif ukoll għad-distribuzzjoni, hija essenzjali biex jitħaffef l-użu tal-infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli kemm fuq l-art kif ukoll lil hinn mill-kosta. Minħabba l-konġestjoni dejjem tiżdied tal-grilja tal-elettriku, l-operaturi tan-network spiss ikollhom jirrifjutaw talbiet għall-aċċess għall-grilja mingħand produttori u konsumaturi ġodda tal-elettriku. Billi l-konsum tal-gass fl-abitazzjonijiet jammonta għal madwar 25 % tal-konsum totali tal-gass naturali fin-Netherlands, it-titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-istokk tal-bini (pereżempju permezz ta' standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija biex jiskattaw rinnovazzjonijiet u infurzar aktar b'saħħtu tar-rekwiżiti tal-awditjar tal-enerġija għall-industrija) jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex ikun hemm aktar tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju u d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Il-konsum tal-gass naturali tan-Netherlands żdied b'29 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 % stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369¹⁷. Il-Netherlands huma mħeġġa jkomplu bl-isforzi tagħhom biex inaqqsu temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706¹⁸.

¹⁷ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

¹⁸ Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706 tat-30 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1369 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-tnaqqis fid-domanda għall-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tal-gass, u t-tiżiħ tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 1).

- (35) Minħabba l-effetti negattivi ta' depożiti eċċessivi ta' nitroġenu f'żoni naturali li jirriżultaw prinċipalment mis-settur agrikolu intensiv Olandiż, il-ħruġ ta' permessi għal ċerti proġetti li jarmu n-nitroġenu, b'mod partikolari proġetti ta' kostruzzjoni, bħalissa huwa mblukkat. Il-Gvern Olandiż qed jieħu azzjoni biex inaqqas id-depożiti tan-nitroġenu, b'mod partikolari permezz ta' programmi ta' żoni integrati fil-livell provinċjali. Hemm bżonn ta' aktar appoġġ biex l-agrikoltura ssir aktar sostenibbli filwaqt li tiġi żgurata l-kompetittività permezz ta' pereżempju appoġġ għat-tnaqqis tal-bhejjem, jitħaffef il-pass tat-tranżizzjoni lejn agrikoltura ċirkolari u/jew organika u j iżjeddu d-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni.
- (36) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-2022, fin-Netherlands ġew irrapportati nuqqasijiet ta' ħaddiema għal 108 professjonijiet li kienu jeħtieġu ħiliet jew għarfien speċifiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi professjonisti tal-protezzjoni ambjentali, installaturi tal-iżolament, u tekniċi tal-inġinerija ċivili.
- (37) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 u l-opinjoni¹⁹ tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).

¹⁹ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

- (38) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex (i) jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, jimmiraw aħjar il-miżuri fiskali meħuda biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jirriflettu dwar modi xierqa biex jitnaqqas l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija; (ii) isostnu livell għoli ta' investment pubbliku u jippromwovu l-investment privat biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; (iii) jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist filwaqt li jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet; (iv) itejbu l-ambjent tan-negozju u jiżguraw li l-appoġġ għall-enerġija lill-kumpaniji jkun kosteffettiv, temporanju u mmirat lejn ditti vijabbli u li jżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika; u (v) jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jimmonitorjaw ir-riskji filwaqt li jkomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-unjoni bankarja. Għan-Netherlands, ir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3) u (4) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro.
- (39) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u tal-valutazzjoni tagħha, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-2023 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (1). Il-politiki msemmija fir-Rakkomandazzjoni (1) jgħinu biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn privat għoli u l-vulnerabbiltajiet marbuta ma' surplus għoli fil-kont kurrenti. Ir-Rakkomandazzjonijiet (2) u (4) jikkontribwixxu biex jindirizzaw ir-Rakkomandazzjoni (1) sa fejn din tikkonċerna investment oġhla. Ir-rakkomandazzjoni (1) tikkontribwixxi kemm għall-indirizzar tal-iżbilanċi kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni li tinsab fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro, f'konformità mal-premessa 38,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li n-Netherlands jieħdu azzjoni fl-2023 u fl-2024 biex:

1. Inaqqsu gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ fis-seħħ, u jużaw l-iffrankar relatat biex inaqqsu d-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, jiżguraw li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Jiżguraw politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi jillimitaw iż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2024 għal mhux aktar minn 3.5 %²⁰.

Jippreservaw l-investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex irawmu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, ikomplu jsegwu strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli ogħla, sabiex tinkiseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Inaqqsu l-predispożizzjoni favur id-dejn u d-distorsjonijiet tad-dejn tal-unitajiet domestiċi fis-suq tad-djar. Jappoġġaw id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-suq tal-kiri privat. Ineħħu l-ostakli li jżommu lura l-investimenti, inkluż fil-kostruzzjoni tad-djar.

2. Jipproċedu bl-implimentazzjoni kostanti tal-pjan tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza u jiffinalizzaw malajr il-kapitolu REPowerEU bil-ħsieb li mingħajr dewmien tibda l-implimentazzjoni tiegħu. Ikomplu l-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

²⁰ Li hija stmata li tikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.3 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 24.

3. Inaqqsu l-inċentivi għall-użu ta' kuntratti flessibbli jew temporanji. Filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi għas-settur, jindirizzaw in-nuqqasijiet strutturali tax-xogħol u tal-ħiliet, inkluż billi jisfruttaw il-potenzjal tax-xogħol mhux utilizzat u jsaħħu l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, b'mod partikolari għal daww fil-marġini tas-suq tax-xogħol u tal-persuni inattivi.
4. Inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili billi jaċċelleraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli, itejbu l-kundizzjonijiet qafas sabiex jagħtu spinta lill-investimenti fl-espansjoni tal-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku, u jestendu u jaċċelleraw il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika sabiex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, b'mod partikolari fl-ambjent mibni. Jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn agrikoltura sostenibbli. Iżidu l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
